



Il-Kummissjoni
Ewropea

IL-BAĠIT TAL-EWROPA

Il-Ġustizzja

SETTEMBRU 2025

Il-ġustizzja, l-istat tad-dritt, u l-aċċess għal sistemi legali ġusti jsawru t-tip ta' Ewropa li qed ngħixu fiha: demokratiċi, affidabbli u inklużivi. Iċ-ċittadini jistennew li l-UE tipproteġi d-drittijiet tagħhom, tiżgura aċċess ugwali għall-ġustizzja, tippromwovi l-kooperazzjoni ġudizzjarja, u tiddefendi l-istat tad-dritt bejn il-fruntieri. Bi kważi €800 miljun, il-Programm dwar il-Ġustizzja se jkompli jrawwem il-fiduċja reċiproka, isaħħaħ u jiddefendi l-istat tad-dritt fl-Ewropa, kif ukoll isaħħaħ id-demokrazija u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

Il-Programm dwar il-Ġustizzja se



Jappoġġa l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali u jagħti s-setgħa lill-professionisti legali;



Jiddefendu d-drittijiet fundamentali tal-individwi kollha involuti fil-proċedimenti ġudizzjarji;



Irawwem spazju tal-ġustizzja fl-Unjoni li jkun effiċjenti, inklużiv, reżiljenti, diġitalizzat, u bbażat fuq l-istat tad-dritt, ir-rikonoxximent reċiproku u l-fiduċja reċiproka.

Il-baġit kif se jagħmel differenza f'dan il-qasam?

- ↳ Ġustizzja transfruntiera aktar rapida li tgħin lin-nies u lin-negozji jsolvu l-kwistjonijiet legali malajr;
- ↳ Aċċess aħjar għall-ġustizzja għal kulħadd, speċjalment għall-gruppi vulnerabbli, inklużi attivitajiet ta' konsulenza u appoġġ;
- ↳ Appoġġ aktar b'saħħtu għall-vittmi, filwaqt li jkun żgurat il-ħarsien tad-drittijiet tagħhom;

- ↳ Użu akbar tal-għodod diġitali biex il-ġustizzja ssir aċċessibbli u jitrawmu t-tkabbir, il-kompetittività u s-simplifikazzjoni;
- ↳ Taħriġ għall-imħallfin u l-professionisti legali biex tkun żgurata l-applikazzjoni konsistenti tal-liġi tal-UE madwar l-UE;
- ↳ Kooperazzjoni transfruntiera aktar b'saħħitha fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja, bħall-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata.

€305 miljun
għall 2021-2027



€798 miljun
għall 2028-2034